MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 158/2002/1

**Rodianne Camilleri**

**vs**

**Franklin Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' Frar 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-tnax ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija, disgha u disghin (12/6/1999) gie celebrat iz-zwieg bejn Franklin u Rodienne Camilleri nee' Spiteri, fil-knisja tal-Laboratorju tal-Paci, Hal-Far liema zwieg kien gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' l-att taz-Zwieg numru 963/1999, hawn anness bhala Dok "A";

Illi minn dan iz-zwieg il-konjugi Spiteri kellhom tifel, Tristan ta' sentejn;

Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment u dan primarjament minhabba sevizzi u adulterju kif ukoll minhabba nkompatibbilta' ta' karattru u peress illi l-konvenut huwa nkapaci li jassumi d-drittijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-esponenti hija mwerwra minn zewgha kawza ta' l-agir tieghu fil-konfront taghha, tant li tghix kontinwament taht ansjeta' u f'tensjoni kbira;

Illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta' Dicembru 2001 bin-numru 1853/01 hawn annessa bhala Dok. "B".

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija esklussiva tal-konvenut;

2. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Tristan lill-attrici;

3. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha, Spiteri;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16);

6. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u mhux necessarjament fi kwoti ugwali, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;

7. Tawtorizza lill-attrici tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

8. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f’kaz ta’ bzonn;

9. Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-proprjeta’ parafernali taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Mejju 2002 fejn Dr. John Vassallo ghall-konvenut ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza; tas-26 ta’ Gunju 2002; u tat-23 t’Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Azzopardi bhala Perit Legali sabiex wara tali t-terminu tal-affidavits jiffissa zewg seduti kull wiehed ghall-partijiet, u wara jirrelata a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 2 t’Ottubru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbali tal-11 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ Dr. Joseph Azzopardi bhala Perit Legali *stante* li gie elevat ghall-gudikatura; u tas-16 ta’ Marzu

2004 fejn Dr. Shaheryar Ghaznavi ghall-attrici ddikjara li bhala komunjoni tal-akkwisti m’hemm xejn, u ghalkemm illum il-konvenut hu dizokkupat issuggerixxa li jekk ’il quddiem jaqbad jahdem, persentagg mill-introjtu tieghu jinghata bhala manteniment, filwaqt li l-kura u kustodja tigi f’idejn l-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat li minkejja li ta ruhu b’notifikat il-konvenut baqa’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’din il-kawza l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali mill-konvenut, liema konvenut baqa’ kontumaci peress li ghalkemm *tramite* l-avukat tieghu ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici fis-seduta tat-23 t’Ottubru 2002 baqa’ ma pprezenta ebda nota ta’ eccezzjonijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-12 ta’ Gunju 1999 u li l-attrici kienet harget tqila qabel l-istess zwieg, u li l-partijiet kellhom lit-tifel Tristan. Irrizulta ghall-anqas mill-affidavit attrici, illi l-partijiet kellhom diversi disgwid bejniethom, specjalment peress li l-attur kien idum ma jirritorna d-dar. Saru wkoll akkuzi mill-attrici li l-istess konvenut kien anke vjolenti fil-konfront taghha. Jidher ukoll li l-attrici kellha suspetti li l-konvenut kien qed ikun ma’ xi tfajliet ohra. Izda fuq kollox jirrizulta li meta l-konvenut gie rinfaccjat b’dawn l-akkuzi huwa anke hedded severament lill-istess attrici. Kien hemm zmien meta l-istess attrici telqet lill-konvenut minhabba dan l-inkwiet, izda minkejja li regghet irritornat is-sitwazzjoni baqghet l-istess, tant li l-konvenut baqa’ jsawwat u jhedded lill-istess attrici sakemm fis-sena 2001 hija ddecidiet li ma tibqax tghix mieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghalhekk li l-konvenut kien hati versu l-attrici ta' sevizzi, theddid u ngurji gravi li wasslu sabiex l-istess zwieg ma setax jibqa' jissussisti, b'dan li kien hemm tkissir irrimedjabbli taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar kura u kustodja tal-minuri Tristan din ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, u dwar il-manteniment rikjest mill-attrici din il-Qorti thoss li l-attrici ghandha dritt ghal tali manteniment kemm ghaliha u kemm ghal binha, pero' peress li ma ngabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut tali manteniment ma jistax jigi likwidat. Pero' in vista tal-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2004 tistabbilixxi li l-konvenut ghandu jhallas 40% ta' kull introjtu tieghu bhala manteniment ghall-istess attrici u ghall-minuri.

Illi dwar komunjoni tal-akkwisti din qed tigi dikjarata xolta b'effett mid-data tal-4 ta' Dicembru 2001, u *stante* d-dikjarazzjoni tal-attrici li l-komunjoni tal-akkwisti ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur, din il-Qorti tiddikjara li m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut u **filwaqt li tichad t-tmien u disa' talba attrici**, **tilqa' t-talbiet attrici** l-**ohra kollha biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija esklussiva tal-konvenut, u dan minhabba li l-istess konvenut huwa hati versu l-attrici ta' sevizzi, theddid u ngurji gravi, inkluz ta' vjolenza domestika, kawza ta' liema z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli unikament u esklussivament lill-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Tristan lill-attrici;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha, Spiteri;

4. Tilqa’ r-raba’ talba biss fis-sens li jigi dikjarat li l-attrici f’isimha u ghan-nom tal-minuri ghandha dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut. Izda peress li ma ngabu ebda provi dwar l-introjtu attwali tal-konvenut, tordna biss lill-konvenut sabiex ihallas 40% tal-introjtu tieghu minn kull xoghol jew attivita’ kummercjali li huwa ghandu jew jista’ jkollu sabiex jithallas bhala manteniment minnu ghall-attrici u ghall-istess minuri.

5. Tilqa’ l-hames talba u tapplika kontra l-konvenut interament, id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**;

6. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’effett mid-data tal-4 ta’ Dicembru 2001, u in vista tal-fatt li l-attrici ddikjarat li m’hemm xejn ta’ valur fl-istess komunjoni tiddikjara li m’hemm xejn x’jigi likwidat u diviz fl-istess.

7. Tawtorizza lill-attrici tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

8. Tichad din it-talba *stante* li m’hemmx bzonnha.

9. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------